**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Marius sive Mario Camilleri**

Kaz Numru: 568/2013

Illum, 18 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marius sive Mario Camilleri, iben Carmel u Agnes nee' Borg, imwieled Qormi, fit-12 ta' Novembru, 1960 u residenti Numru 32, 'Tessmar', Triq Nikol Montebello, Qormi, detentur ta' karta tal-identita' 758060 (M):

Akkuzat talli nhar l-20 ta' April, 2010 fl-Iklin u f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg hadd iehor (vettura DAD168) liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin cenetezmu (€1,164.69), imma ta' izjed minn mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta' Theodosius Baldacchino li ghandu numru tal-karta tal-identita' 396663 (M), ghal Maghtab Construction Limited u terzi persunii ohra.

2. Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd (Alain Guiga), wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor ai termini tal-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li wettaq hsara volontarja fuq trakk; li ingurja lil Alain Guiga u finalment li huwa recediv.

Illi l-abbli difensur tal-imputat waqt it-trattazzjoni sostna li din il-kawza ma setghetx titmexxa u hija rregolari billi z-zewg imputazzjonijiet jirrikjedu l-kwerela tal-parte leza. Huwa sostna li f'dan il-kaz il-parte leza ma xtaqux li jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat.

Illi l-imputat jinsab akkuzat li wettaq hsara volontarja bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi fis-sena 2014 u dan billi l-allegat reat twettaq fl-20 ta' April 2010. Illi l-proviso ta' dan l-artikolu jipprovdi:

*Iżda wkoll fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi (ċ) u (d), ħlief meta il-ħsara tkun magħmula fi proprjetà pubblika, proċedimenti jistgħu jittieħdu biss bil-kwerela tal-parti offiża:*

F'dan il-kaz l-allegat reat sehh bi ksur tas-subartikolu (b) tal-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 u kwindi mhux mehtiega l-kwerela tal-parti. Inoltre' l-artikolu 373 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in partikolari l-proviso tieghu li testwalment jaqra:

*"Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l -azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat."*

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni f'dan il-kaz ukoll ghandu jsib applikazzjoni l-proviso tal-artikolu 373 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi inkwantu ghall-mertu l-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet kunfliggenti. Dan il-fatt pero' ma jwassalx necessarjament ghal-liberatorja.

Jirrizulta li fl-20 ta' April 2010 dahal rapport fl-ghassa tal-Birkirkara mill-control room li sehh argument gewwa l-barriera Road Services Limited. Alan Guiga[1], li fiz-zmien tal-incident kien jahdem mal-Maghtab Construction Limited, xehed li fil-gurnata tal-incident kien wasal fil-barriera bit-trakk Registrazzjoni Numru DAD 168 tal-ghamla Leyland biex ighabbi l-materjal. Waqt li qieghed jistenna wasal l-imputat, telgha fuq l-ingenji u qallu biex iwarrab min-nofs ghax kien se jifqghu. B'hekk ix-xhud cempel lill-imghallem tieghu li qallu li ladarba kien wasal huwa l-ewwel kellu jghabbi l-ewwel. Waqt li kien qieghed jitkellem mal-imghallem tieghu allegatament l-imputat qabadlu t-trakk bil-gaffa u ressqu 'l quddiem. Kif qata' minn mal-imghallem Guiga ressaq it-trakk lura fejn kien. L-imputat imbaghad nizel ghalih biz-zappun u l-ewwel ta daqqa fuq il-mera u staqsih kienx se jwarrab u imbgahad rega' tah daqqa ohra fil-bieba. Il-vettura garbet xi hsarat.

Inkwantu ghall-versjoni tal-imputat jinghad li l-imputat irrilaxxja stqarrija fit-2 ta' Mejju 2010 minghajr ma inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat. In linea mal-gurisprudenza l-aktar ricenti[2] din l-istqarrija qeghda tigi skartata. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[3]. Huwa xehed li jkun xoghol regolarment fil-barriera u ilu f'dan ix-xoghol ghal diversi snin. Huwa spjega li f'Malta hemm tip ta' materjal li jissejjah tat-three-eights li huwa rari u dakinhar kien hemm biss vjagg wiehed minn dan il-materjal u li huwa kien diga' ordnah ghalih minghand ir-Road Services Limited. Hareg bi vjagg u rega' dahal fil-barriera u sab trakk u dahal l-ufficcju u staqsa x'kien se ighabbi u skont min kien hemm fl-ufficcju qallu biex ma jaghtix kaz u biex jidhol ighabbi l-vjagg tieghu. B'hekk ressaq it-trakk u qabad il-gaffa biex ighabbi. Waqt li kien qieghed ighabbi, l-imputat isostni li Guiga dahal

---

1 Seduta tat-30 ta' Marzu 2011

2 Vide Il-Pulizija vs Joseph Camilleri, Qorti tal-Appell Kriminali deciz fil-25 ta' Frar 2016

3 Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

bejn it-trakk tieghu u l-gaffa biex jostakolah. Staqsih x'kien se jaghmel u dan wiegbu li kien se jghabbi three-eights huwa. B'hekk l-imputat qallu li huwa kien ilu snin imur hemm, li kien hemm vjagg wiehed u li kien diga' ordnah. Mar ighid lill-foreman u dan qallu biex ighabbi u Guiga baqa' jinsisti li ried ighabbi u ma riedx iwarrab. Skontu l-foreman qal lil Guiga li huwa ramel seta' ighabbi ghaliex it-3/8s kien ordnat mill-imputat. B'hekk l-imputat jixhed li qabad il-gaffa u imbuttalu t-trakk biex ikun jista' ighabbi huwa u l-foreman qallu li kiense jkompli jghabbilu huwa u l-imputat tela' fil-kaxxa biex ikompli jwitti. Guiga mar bir-reverse u l-imputat jixhed li nizel jigri billi kellu trakk gdid. Kif dahal mal-bieba biex ighidlu x'kien qieghed jaghmel, Guiga fetah il-bieba u tah daqqa go wiccu bil-bieba u peress li kien qieghed jahdem biz-zappun ghollih biex jilqa' l-bieba u ghamillu taghtina gol-bieba. L-imputat jichad li huwa ta daqqa ta' zappun fuq il-mera tat-trakk li skontu kienet miksura diga'.

Il-Qorti tqis li mill-provi prodotti jirrizulta li d-dinamika ta' kif sehh dan l-incident kienet li meta fil-gurnata inkwistjoni l-imputat mar biex ighabbi l-materjal maghruf 3/8s huwa sab lil Guiga qablu. L-imputat pretenda li Guiga kellu jersaq u ighabbi huwa l-ewwel. Naturalment anki kieku kellha tigi accettata l-versjoni tal-imputat li huwa kien ordna l-istess materjal u allura kellu jghabbih huwa u li Guiga baqa' jisfidah certament kien hemm metodi differenti x'wiehed seta' jaddotta milli l-konfrontazzjoni bil-mod kif saret. Minn dak li qalu l-partijiet hemm qbil li l-imputat qabad il-gaffa u ressaq it-trakk li kien qieghed isuq Guiga. Izda l-Qorti temmen lilll-istess Guiga meta jixhed li kien l-imputat li mar jaghti daqqa ta' zappun fuq il-bieba u b'hekk saret il-hsara kemm fuq il-bieba kif ukoll fuq il-mera. Din ix-xhieda hija korroborata mir-ritratti ezebiti [4] minn fejn jirrizulta bic-car li dak li qal l-imputat

Inkwantu ghall-hsara kagonata jirrizulta li t-trakk jappartjeni lill-kumpanija Tal-Maghtab Construction. Dennis Baldacchino, id-direttur tal-kumpanija, xehed[5] u kkonferma li r-ritratti ezebiti in atti hadhom huwa stess u li l-hsara kienet tikkonsisti f'daqqa ta' zappun fuq il-bieba u l-hgiega tal-mera kienet miksura. Gie ppruvat ukoll li l-hsara kienet fl-ammont ta' €718.62[6]. L-imputat isostni li l-mera ma kissirhix huwa izda kienet diga' mkissra, madankollu l-Qorti temmen lill-parte

[4] Dok KG1 u 2 a fol 32 u 33 tal-process.
[5] Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011
[6] Xhieda ta' Emanuel Gauci li xehed in rapprezentanza ta' Burmarrad Commercials Ltd fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

leza ghaliex kien aktar konsistenti u kredibbli u inoltre' l-hsara tiffigura bil-mod ta' kif gie deskritt minnu l-incident.

Illi t-tieni imputazzjoni ma gietx ippruvata billi ma jirrizultax mill-atti li l-imputat b'xi mod ingurja lil Alan Guiga.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva giet prezentata vera kopja fotostatika ta' sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat fid-19 ta' Ottubru 2001. Il-konnotati jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza huwa kien gie kkundannat ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. Dan jinkwadra fl-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Giet ukoll prezentata vera kopja fotostatika ta' sentenza li inghatat fil-konfront tal-imputat fid-19 ta' Mejju 2008. Il-konnotati indikati jaqblu ma' dawk tal-imputat odjern. Permezz ta' din is-sentenza kien applikat fil-konfront tieghu l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li mhix kundanna u kwindi ma tapplikax ghal dan l-addebitu. Kwindi dan l-addebitu gie ppruvat fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati tieghu, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat li mhix wahda netta u minn fejn ukoll jirrizulta li diga' instab hati ta' incident fejn ukoll ghamel uzu minn zappun biex jaghmel hsara volontarja. Il-Qorti tqis li ghandha tapplika l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 49 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recediva izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €718.62 lil Maghtab Construction Limited u dan fi zmien tlett (3) xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat